



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-112/11

Schutzgemeinschaft Milch und Milcherzeugnisse eV
vs
Il-Kummissjoni Ewropea

“Rikors għal annullament — Reġistrazzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika protetta — ‘Edam Holland’ — Assenza ta’ interess ġuridiku — Nuqqas ta’ interess dirett — Inammissibbiltà”

Sommarju — Digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-3 ta’ Settembru 2014

1. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Leġiżlazzjoni dwar l-ejenkar ta’ ċerti denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orijini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti — Protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika “Edam Holland” — Rikors ta’ assoċjazzjoni professjonali ta’ manifatturi u distributuri tal-edam — Membri tal-assoċjazzjoni li huma stess ma għandhomx interess ġuridiku — Inammissibbiltà*

(ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1121/2010)

2. *Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Neċessità ta’ interess reali u attwali — Evalwazzjoni fil-mument tal-preżentata tar-rikors — Interess relatat ma’ sitwazzjonijiet futuri u inċerti — Esklużjoni*

(Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1121/2010)

3. *Agrikoltura — Legiżlazzjonijiet uniformi — Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta’ orijini għall-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel — Regolament Nru 510/2006 — Possibbiltà għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti jew li jirrisjedu fi Stat Membru li jopponu r-reġistrazzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika jew ta’ denominazzjoni ta’ orijini quddiem il-Kummissjoni — Assenza*

(Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006, Artikolu 7(1) u (2))

1. Assoċjazzjoni, fil-prinċipju, ma hijiex intitolata tippreżenta rikors għal annullament ħlief fil-każ li tkun tista’ tinwoka ċerti ċirkustanzi partikolari, b’mod partikolari ta’ natura proċedurali, jew fil-każ li l-membri li hija tirrappreżenta jew uħud fosthom kienu jkunu f’sitwazzjoni li jippreżentaw rikors ammissibbli. Madankollu, ir-rikors għandu jkun jista’, bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu. Barra minn hekk, il-kundizzjoni imposta mir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, teħtieġ, b’mod partikolari, li l-miżura kkontestata toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu.

Dan ma huwiex il-każ ta’ rikors ta’ assoċjazzjoni professjonali ta’ manifatturi u produttori tal-edam kontra r-Regolament Nru 1121/2010, li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Edam Holland (IĠP)]. Fil-fatt, peress li l-imsemmi regolament jipprovdi ċarament li d-denominazzjoni “edam” tista’ titkompli tintuża,

annullament possibbli ma jagħti ebda benefiċċju lill-membri tal-assoċjazzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, peress li r-Regolament Nru 1121/2010 jipprovdi li l-kelma “edam” tista' titkompli tintuża għall-kummerċjalizzazzjoni tal-ġobon, l-imsemmi regolament ma jaffettwax direttament is-sitwazzjoni legali tal-membri tal-imsemmija assoċjazzjoni.

Bl-istess mod, għal dak li jirrigwarda l-fatt li l-imsemmi regolament iwassal għal riskju li ċerti imballaġġi li jinkludu l-kelma “edam”, użati b'illustrazzjonijiet li jalludu għar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, jistgħu jitqiesu li jmorru kontra r-Regolament Nru 510/2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-annullament tar-Regolament Nru 1121/2010 ma jagħti ebda benefiċċju lill-membri tal-assoċjazzjoni, fis-sens li tali annullament ma jeliminax l-obbligu li jeżisti taħt id-dritt tal-Unjoni li l-konsumatur ma jiġix imqarraq rigward l-orijini jew minn fejn jgħjin l-oġġetti tal-ikel.

Fl-aħħar nett, ma tistax tiġi dedotta l-eżistenza ta' kwalunkwe effett negattiv tar-Regolament Nru 1121/2010 fuq is-sitwazzjoni legali tal-membri tal-assoċjazzjoni mill-fatt li l-produtturi li għandhom id-dritt jużaw it-tikketta ta' kwalità relatata mal-indikazzjoni ġeografika protetta “Edam Holland” għandhom vantaġġ kompetittiv. Fil-fatt, l-imsemmi regolament ma huwiex intiż li jelimina d-dritt li għandhom il-membri tal-imsemmija assoċjazzjoni, iżda li jagħti dritt ġdid lill-operaturi kollha, inklużi l-imsemmi membri, jekk huma jkun jixtiequ dan, li l-prodotti tagħhom jirrispettaw l-ispeċifikazzjonijiet previsti mill-imsemmi regolament.

(ara l-punti 18, 22, 24, 29-31, 38, 43, 45)

2. L-interess ġuridiku fil-kuntest ta' rikors għal annullament jista' jiġi dedott mill-eżistenza ta' riskju ġenwin li s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent tintlaqat minn azzjonijiet ġudizzjarji jew anki mill-fatt li r-riskju ta' azzjonijiet ġudizzjarji huwa reali u attwali fid-data tal-preżentata tar-rikors. Madankollu, peress li parti ma tistax tinvoka sitwazzjonijiet futuri u inċerti sabiex tiġġustifika l-interess tagħha sabiex titlob l-annullament tal-att ikkontestat, argument li jipprovdi li r-Regolament Nru 1121/2010, li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Edam Holland (IĠP)], jesponi lill-membri ta' assoċjazzjoni professjonali ta' manifatturi u produtturi tal-edam għar-riskju li jinġiebu azzjonijiet kontrihom għall-użu tal-kelma “edam” għandu jiġi miċħud fl-assenza ta' provi li l-allegat riskju huwa ġenwin jew reali u attwali fid-data tal-preżentata tar-rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni.

(ara l-punti 32-34)

3. Mill-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 510/2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, jirriżulta li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom interess leġittimu u li huma stabbiliti jew residenti fi Stat Membru ma għandhomx il-possibbiltà li jippreżentaw oppożizzjoni għal talba ta' reġistrazzjoni ta' denominazzjoni ta' orijini protetta jew ta' indikazzjoni ġeografika protetta direttament quddiem il-Kummissjoni.

(ara l-punt 42)